31980L0511

L 126/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.5.1980

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Mejju1980

li tawtorizza, f'ċerti każi, it-tqegħid fis-suq ta' għalf għall-annimali kompost f'pakketti jew reċipjenti mhux issiġillati

(80/511/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tal-21 ta' April 1979 dwar it tqegħid fis-suq ta' għalf għall-annimali kompost [1], u partikolarment l-Artikolu 4 (1) tagħha,

Billi skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fuq msemmija, l-għalf ta' l-annimali kompost irid ġeneralment jitqiegħed fis-suq f'pakketti jew reċipjenti ssiġillati; billi, madankollu, derogi minn din ir-regola jistgħu jingħataw fil-livell tal-Komunità;

Billi l-liġijiet preżentament fis-seħħ fl-Istati Membri jipprovdu ċertu eżenzjonijiet mill-obbligu li jitqiegħed fis-suq għalf għall-annimali kompost f'pakketti jew reċipjenti ssiġillati; billi, għalhekk, sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 73/373/KEE derogi li jidhru ġustifikati għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi għandhom jingħataw fuq il-livell tal-Komunità;

Billi, biex jiġi żgurat li l-identità u l-kwalità ta' l-għalf għall-annimali kompost huwa konformi mad-disposizzjonijiet tat-tikketti fis-seħħ, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn, b'deroga mid-disposizzjonijiet preżenti, l-għalf ta' l-annimali kompost jista' jitqiegħed fis-suq bil-massa jew f'reċipjenti mhux issiġillati minn dawk il-każijiet fejn jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew bil-massa jew f'pakketti jew reċipjenti mhux issiġillati;

Billi l-miżuri preskritti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-għalf għall-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li l-għalf għall-annimali kompost jista' jitqiegħed fis-suq bil-massa jew f'pakketti jew reċipjenti mhux issiġillati fil-każ ta':

(a) kunsinni bejn produtturi ta' għalf għall-annimali kompost;

(b) kunsinni minn produtturi ta' għalf għall-annimali kompost lil ditti ta' l-imballar;

(ċ) għalf għall-annimali kompost miksub mit-taħlita ta' qamħ jew ta' frott sħiħ;

(d) blokki jew *licks*;

(e) kwantitajiet żgħar ta' għalf għall-annimali kompost li ma jaqbiżx 50 kilogramma fil-piż li jkunu maħsuba utent aħħari u huma meħuda direttament minn pakkett jew reċipjent li qabel ma infetħu kienu konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (1) tad-Direttiva 79/373/KEE.

2. L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li l-għalf ta' l-annimali kompost jista' jinbiegħ fis-suq bil-massa jew f'reċipjenti mhux issiġillati, imma mhux f'pakketti li ma humiex issiġillati, fil-każ ta':

(a) għalf ta' l-annimali kompost kunnsinnat direttament mill-produttur lil l-aħħar persuna li ser tużah;

(b) għalf ta' l-annimali kompost magħmul f'ġulepp minn mhux aktar minn tlett ingredjenti;

(ċ) għalf ta' l-annimali imgerbeb.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 1981 u għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Mejju 1980.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

[1] ĠU L 86, tas-6.4.1979, p. 30.